

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Settembru 2015 – Schönberger vs Il-Qorti tal-Awdituri

(Kawża F-14/12 RENV)

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Kawża mibgħuta lura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wara annullament — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2011 — Rifjut ta' promozzjoni — Rikors parżjalment manifestament inammissibbli u parżjalment manifestament infondat)

(2015/C 371/47)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Peter Schönberger (Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentant: O. Mader, avukat)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Schäfer u Ī. Ní Riagáin Düro, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad AD 13 fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni 2011.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikorsk huwa miċħud bħala parżjalment manifestament inammissibbli u parżjalment manifestament infondat.
- 2) Fil-Kawża F-14/12 u F-14/12 RENV, P. Schönberger għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll l-ispejjeż sostnuti mill-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Fil-Kawża T-26/14 P, il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea għandha tħalli l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn P. Schönberger.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Settembru 2015 – Kriscak vs Europol

(Kawża F-73/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tal-Europol — Konvenzjoni Europol — Regolamenti tal-Persunal tal-Europol — Anness 1 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol — Lista ta' pożizzjonijiet indikati b'tipa grassa li jistgħu jimtlew biss minn persuna reklutata mis-servizzi kompetenti fis-sens tal-Artikolu 2(4) tal-Konvenzjoni Europol — Postijiet ristretti — Deċiżjoni Europol — Pożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu okkupati minn persuna reklutata mill-awtoritajiet kompetenti fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Europol — Applikazzjoni tal-Kondizzjonijiet tal-impieg għall-membri tal-persunal tal-Europol — Nuqqas ta' tiġidid ta' kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju ffissat għal żmien determinat — Rifjut li jingħata kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat — Rikors għal annullament — Rikors għad-danni)

(2015/C 371/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Christiana Kriscak (Den Hagen, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)